Nru. 17,756
Prezz 16ċ
Price 16c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

L-Erbgħa, 20 ta' April, 2005
Wednesday, 20th April, 2005

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 387

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 43 imsejjaħ l-Att ta' l-2005 li jemenda l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta.

L-20 ta' April, 2005

Nru. 388

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (TAQSIMA TAL-KOMPETITTIVITÀ U KOMUNIKAZZJONI)

IS-SEGRETARJU Permanenti, Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni, approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Godwin Mangion	Direttur Ġenerali *Director General*	Konsumatur u Kompetittività *Consumer and Competition*	18 – 19.4.2005

L-20 ta' April, 2005

GOVERNMENT NOTICES

No. 387

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 43 entitled the Central Bank of Malta (Amendment) Act, 2005.

20th April, 2005

No. 388

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CONSUMER AND COMPETITION DIVISION)

THE Permanent Secretary, Ministry for Competitiveness and Communications, has approved the following acting appointment:–

20th April, 2005

Nru. 389

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (TEŻOR)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 389

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (TREASURY)

THE Permanent Secretary in the Ministry of Finance has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Anthony Cacciottolo	Direttur *Director*	Teżor *Treasury*	21.4.2005 – 1.5.2005

L-20 ta' April, 2005

20th April, 2005

Nru. 390

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna ta' San Anton, Ħ'Attard

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li nhar is-Sibt, l-14 ta' Mejju u nhar il-Ħadd, il-15 ta' Mejju, 2005, il-Ġonna ta' San Anton, Ħ'Attard, ikunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll ta' Malta Horticultural Society.

L-20 ta' April, 2005

No. 390

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

San Anton Gardens, Attard

IT is notified for general information that as enabled by section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Ministry for Rural Affairs and the Environment has approved that on Saturday, 14th May and on Sunday, 15th May, 2005, San Anton Gardens at Attard will be closed to the public and will be under the control of the Malta Horticultural Society.

20th April, 2005

Nru. 391

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna ta' San Anton, Ħ'Attard

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li nhar is-Sibt, is-7 ta' Mejju u nhar il-Ħadd, it-8 ta' Mejju, 2005, il-Ġonna ta' San Anton, Ħ'Attard, ikunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll tal-Fancy Poultry Club.

L-20 ta' April, 2005

No. 391

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

San Anton Gardens, Attard

IT is notified for general information that as enabled by section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Ministry for Rural Affairs and the Environment has approved that on Saturday, 7th May and on Sunday, 8th May, 2005, San Anton Gardens at Attard will be closed to the public and will be under the control of the Fancy Poultry Club.

2oth April, 2005

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżamijiet ta' l-*Edexcel London* Mejju/Ġunju 2005

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf illi l-orarji ta' l-eżamijiet imsemmija hawn fuq intbagħtu lill-kandidati konċernati.

Dawk l-applikanti li ma rċevewx l-orarji għandhom minnufih jikkuntattjaw lil Ms Alice Galea fid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana fuq telefon nru 25982207.

L-20 ta' April, 2005

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Edexcel London Examinations May/June 2005

The Director of Examinations notifies that the timetables for the above mentioned examinations have been sent to the candidates concerned.

Those candidates who fail to receive their timetables may contact immediately Ms Alice Galea at the Department of Examinations, Floriana on telephone no 25982207.

20th April, 2005

MALTA ENTERPRISE

Lista ta' kuntratti mogħtija mill-Malta Enterprise matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru, 2004.

Offerta *Tender*	Kuntrattur *Contractor*
Project design, construction and equipment of the Malta Pavilion at The Big 5 Show Exhibition 20-24 November 2004, Dubai	Zaffarese Exhibition & Display
Project design, construction and equipment, including the Malta Pavilion at SIAL 2004, The Global Food Marketplace, Paris	Sign It Limited
Project design, construction and equipment, including the Malta Pavilion at Tripoli International Fair	Zaffarese Exhibition & Display
Malta Enterprise Audit 2004	Pricewaterhhouse Coopers
Design and production of CD-ROM in relation to NISSOS	Datatrak Multimedia
External project evaluation and quality control in relation to NISSOS	Ernest and Young

L-20 ta' April, 2005

MALTA ENTERPRISE

List of contracts awarded by Malta Enterprise during the period from the 1st January to the 31st December, 2004.

Kuntrattur *Contractor*
Zaffarese Exhibition & Display
Sign It Limited
Zaffarese Exhibition & Display
Pricewaterhhouse Coopers
Datatrak Multimedia
Ernest and Young

20th April, 2005

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

799

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' April 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 624/04 GC, fl-ismijiet Albert Mizzi noe versus Paul u Antonia Axisa ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenuti a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Albert Mizzi f'isem Central Mediterranean Development Corporation Limited ippreżenta Ċitazzjoni, fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fis-16 ta' Awissu 2004, kontra Paul u Antonia miżżewġin Axisa, fejn talab il-konvenut għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss, iwaqqa' kull bidla u kostruzzjoni abbużiva li huwa għamel fl-imsemmija boathouse sabiex jikkonforma ruħu ma' l-obbligazzjonijiet kontrattwali tiegħu, u fin-nuqqas tawtorizza lis-soċjetà attriċi li tesegwixxi dan ix-xogħol , taħt it-tmexxija ta' perit arkitett li jrid jiġi nominat a spejjeż tal-konvenut;

2. Tiddikjara li l-konvenut kiser l-obbligazzjoni stipulata fil-klawsola sebgħa (7);

3. Tordna l-likwidazzjoni tal-penali dovuta mill-konvenuta lis-soċjetà attriċi bħala konsegwenza li kkontravjena l-obbligazzjoni msemmija fil-klawsola sebgħa (7) tal-kuntratt imsemmi;

4. Tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma hekk likwidata bl-imgħax legali sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż u l-konvenut mħarrek għas-subizzjoni u b'riżerva għal kull azzjoni li tispetta lis-soċjetà attriċi għal kontravenzjoni perdurata u kontinwata jew xort' oħra tal-konvenut skond l-imsemmi kuntratt.

Atturi : Central Mediterranean Development Corporation Ltd
Leisure House, 30, Archbishop Street,
Valletta.

Konvenuti: Paul u Antonia Axisa
68, St. Mary Street,
Ħal Tarxien.

B'avviż għas-smigħ ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri l-Erbgħa 18 ta' Awissu 2004, il-kawża Ċitazzjoni numru 624/2004 GC, fl-ismijiet Mizzi Albert noe

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 11th April 2005, in the records of the Writ of Summons number 624/04 GC, in the names Albert Mizzi noe versus Paul and Antonia Axisa ordered the following publication for the purpose of service of the defendant in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Albert Mizzi in the name of Central Mediterranean Development Corporation Limited filed a Writ of Summons, in the First Hall Civil Court , on the 16th August 2004, against Paul and Antonia spouses Axisa, whereby they asked the defendant why this Honourable Court should not:

1. Condemn the defendant so that within a short and peremptory period fixed to him, he demolishes any change and abusive construction he made in the said boathouse in order to conform with his contractual obligations, and failing which to authorize the plaintiff company to carry out this work under the direction of an architect to be appointed at the expense of the defendant;

2. To declare that the defendant violated the obligation stipulated in clause seven (7);

3. To order the liquidation of the penalty due by the defendant to the plaintiff company as a consequence of violating the obligation mentioned in clause seven (7) of the contract mentioned;

4. To condemn the defendant to pay the plaintiff company the sum so liquidated with legal interest till the date of effective payment.

With costs and the defendant is summoned so that a reference to his evidence be made and saving any action due to the plaintiff company for the lasting and continuing contravention or otherwise of the defendant according to the contract.

Plaintiffs: Central Mediterranean Development Corporation Ltd
Leisure House, 30, Archbishop Street,
Valletta.

Defendants: Paul and Antonia Axisa
68, St. Mary Street,
Tarxien.

By a Notice of hearing of a cause issued by the Registry Superior Courts on Wednesday 18th August 2004, the cause Writ of Summons number 624/2004 GC, in the names Mizzi

vs Axisa Paul u Antonia, ġiet appuntata għas-smigħ għall-Ħamis 2 ta' Diċembru 2004, Awla 18, fid-9.00 a.m.

B'ordni tal-Qorti l-kawża hawn fuq imsemmija ġiet sussegwentement differita u issa tinsab differita għas-17 ta' Mejju 2005, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 18 ta' April 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Albert noe vs Axisa Paul nd Antonia, was appointed for hearing on Thursday 2nd December 2004, Hall 18 at 9.00 a.m.

By Court order the cause above mentioned was subsequently put off and is now put off to the 17th May 2005 at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 18 April 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

800

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' Ottubru 2004, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali ppreżentata fis-6 ta' Lulju 2004, bin-numru 4007/04, fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) vs Aquilina Antonella (172775M) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimata a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-6 ta' Lulju 2004, lil Aquilina Antonella, Joe Pier Flats Nru 2, Independence Avenue, Mosta, is-soċjetà HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) ta' 116, Archbishop Street, Valletta tirreferilek għall-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Ruben Casingena datat 7 ta' Mejju 2003, u tinterpellak sabiex fi żmien sebat ijiem mil-lum inti tħallas is-somma ta' elf seba' mija sitta u tmenin lira Maltija u sebgħa u tletin ċenteżmu (Lm1,786.37) dovuta a tenur ta' l-istess kuntratt oltre l-imgħaxijiet legali mid-data ta' l-imsemmi kuntratt sad-data tal-pagament effettiv.

Fin-nuqqas ta' ħlas is-soċjetà mittenti tavżak li se jittieħdu passi ulterjuri bil-Qorti kontra tiegħek in eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv tagħha mingħajr ebda pre-avviż ieħor.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

Din l-ittra hija rikjesta mil-Liġi u qed tintbagħat sabiex tirrendi l-kuntratt surreferit eżegwibbli, u dana a tenur ta' l-Artikolu 256(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 18 ta' April 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 29th October 2004, in the records of the judicial letter filed on the 6th July 2004, bearing number 4009/04 in the names HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) vs Aquilina Antonella (172775M) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) on the 6th July 2004, against Aquilina Antonella, Joe Pier Flats No 2, Independence Avenue, Mosta, the company HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) of 116, Archbishop Street, Valletta refers to the contract of constitution of debt in the records of Notary Ruben Casingena dated 7th May 2003 and calls upon you so that within seven days from today you pay the sum of one thousand seven hundred and eighty six Maltese liri and thirty seven cents (Lm1,786.37) due in terms of the same contract besides legal interest from the date of the said contract till the date of effective payment.

Failing payment the interpellant company informs you that further Court action will be taken against you in execution of their executive title without any other notice.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

This letter is required by Law and is being send in order to render the contract above mentioned executable , and this in terms of Article 256(2) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

With costs.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 18th April 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

801

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) fl-10 ta' Marzu 2005, minn David Bonnici rikors numru 163/2005, fejn talab li tiġi iddikjarata miftuħa favur Daniel Bonnici, iben ir-rikorrent David Bonnici u dan fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż; favur Giorgia Bezzina, oht id-decujus u dan fi kwota ta' parti minn għoxrin (1/20); favur Jane, Gillian u Jesmond, aħwa Bezzina, ulied Giorgia Bezzina u dan fi kwota ta' parti waħda minn għoxrin (1/20) kull wieħed u waħda minnhom; favur David, Connie mart Ross Parrot, Therese mart Malcolm Stott u Maria aħwa Bonnici, ulied hu t-testatur John Bonnici, u dan fi kwota ta' parti waħda minn għoxrin (1/20) kull wieħed u waħda minnhom; u favur l-eredità ta' Victor Cassar, iben il-mejta Concetta Cassar, armla minn Rosario u favur l-eredità ta' l-istess Concetta Cassar, liema żewġ ereditajiet huma rappreżentati minn Maria, Daniel u Peter aħwa Cassar, ulied il-mejjet Victor Cassar, u dan fi kwota ta' parti waħda minn tletin (1/30) kull wieħed u waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI u dan fejn dak li jirrigwarda l-assi ta' Malta, ta' Giuseppe Bonnici, bin il-mejtin Francesco Bonnici u Maria Bonnici neè Portelli, imwieled Bormla, kien joqgħod Casal Paola fejn miet fl-4 ta' Lulju 2001, u li kellu karta ta' l-identità numru 644927(M) u dan skond it-testment li ġie ppubblikat fit-22 ta' Jannar 2002, in atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

It is hereby notified that by means of an application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 10th March 2005, by David Bonnici, application number 163/2005, whereby he asked that it be declared open in favour of Daniel Bonnici, the son of applicant David Bonnici and this in the quota of one half undivided (1/2); in favour of Giorgia Bezzina, sister of the decujus and this in the quota of one twentieth (1/20); in favour of Jane, Gillian and Jesmond, siblings Bezzina, children of Giorgia Bezzina and this in the quota of one twentieth (1/20) in favour of each one of them, in favour of David, Connie wife of Ross Parrot, Therese wife of Malcolm Stott and Maria siblings Bonnici children of the testator's brother John Bonnici, and this in the quota of one-twentieth (1/20) in favour of each one of them, and in favour of the estate of Victor Cassar, son of the late Concetta Cassar, widow of Rosario, and in favour of the estate of the same Concetta Cassar, which two estates are represented by Maria, Daniel and Peter siblings Cassar children of the late Victor Cassar, and this in the quota of one-thirtieth (1/30) in favour of each one of them the SUCCESSION and this as regards the assets in Malta of Giuseppe Bonnici, son of the late Francesco Bonnici and Maria Bonnici neè Portelli, born in Cospicua, lived in Casal Paola where he died on the 4th July 2001 and who had identity card number 644927(M) and this according to a will which was published on the 22nd January 2002, in the records of Notary Dr Pierre Falzon and thus the issuing of the bann was ordered in order that any interested party be notified.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Thus whosoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition in terms of Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 19 ta' April 2005.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 19th April 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

802

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fl-24 ta' Novembru 2004, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali ppreżentata fit-13 ta' Ottubru 2004, (6176/04) fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs Robert Sciberras, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 24th November 2004, in the records of the judicial letter filed on the 13th October 2004, (6176/04) in the names Bank of Valletta p.l.c. vs Robert Sciberras ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-13 ta' Ottubru 2004, lil Robert Sciberras, s-soċjetà Bank of Valletta p.l.c. interpellat lill-intimat sabiex fi żmien jumejn iħallas is-somma ta' elf, ħames mija u tliet Liri Maltin u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (Lm1,503.45) bilanċ għad-debitu fil-"Credit Cards Loan Account" tiegħu mal-Bank

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) on the 13th October 2004, against Robert Sciberras, the company Bank of Valletta p.l.c. called upon the respondent so that within two days he pays the sum of one thousand five hundred and three Maltese liri and forty five cents (Lm1,503.45) balance of debt in his "Credit Cards Loan Account" with the

of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2004, sad-data ta' l-effettiv pagament.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk tonqos hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skond il-liġi.

Soċjetà mittenti: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
173, St. Christopher Street, Valletta.

Intimat: Robert Sciberras (I.D. Numru 109572M)
8, Blokk D, Appartamenti Piju X11, Triq Mountbatten, il-Ħamrun.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum, 18 ta' April 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Bank of Valletta p.l.c. together with further interests from the 1st October 2004, till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Interpellant Company: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833),
173, St. Christopher Street, Valletta.

Respondent: Robert Sciberras (ID Number 109572M)
8, Block D, Appartments Pius XII, Mountbatten Street, Ħamrun.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today, 18th April 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

803

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Ġunju 2004, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 1302/04, fl-ismijiet APS Bank Limited vs Emanuel Cutajar et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat Emanuel Cutajar, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fl-14 ta' April 2004, lil Emanuel Cutajar (ID 465365M) u martu Marthese Cutajar (ID 70364M) ta' St. Joseph, Triq it-Telleritu, Ħal Għaxaq, il-mittenti APS Bank Ltd. ta' APS House, St. Anne Square, il-Furjana, jinterpellakom sabiex fi żmien ġimgħa minn notifika ta' din l-ittra uffiċjali tħallsu s-somma ta' disgħa u erbgħin elf tmien mija disgħa u disgħin lira u dsatax-il ċenteżmu (Lm49,899.19) dovuta kwantu għas-somma ta' Lm24,996.73 bħala bilanċ ta' debitu ta' 'overdraft account' numru 11495031016, kwantu għas-somma ta' Lm23,106.23 bħala bilanċ ta' debitu ta' 'Loan Account' numru 11495032012, kwantu għas-somma ta' Lm691.88 bħala bilanċ ta' debitu ta' 'Interest Disposal Current Account' numru 20000122732 u kwantu għas-somma ta' Lm1,104.35 bħala bilanċ ta' debitu ta' 'Interest Disposal Current Account' numru 20000122721.

Fin-nuqqas jittieħdu passi ulterjuri skond il-liġi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax ulterjuri b'effett mill-31 ta' Diċembru 2003.

Din l-ittra uffiċjali qed tiġi preżentata ai termini tal-Kap. 12 u Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 19 ta' April 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 18th June 2004, in the records of the judicial letter number 1302/04 in the names APS Bank Limited vs Emanuel Cutajar et ordered the following publication for the purpose of the respondent Emanuel Cutajar in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the First Hall Civil Court on the 14th April 2004, against Emanuel Cutajar (ID 465365M) and his wife Marthese Cutajar (ID 70364M) of St. Joseph, Telleritu Street, Għaxaq the interpellants APS Bank Ltd. of APS House, St. Anne Square, Floriana, calls upon you so that within one week from the service of this judicial letter you pay the sum of forty nine thousand eight hundred and ninety nine liri and nineteen cents (Lm49,899.19) due as for the sum of Lm24,996.73 being balance of debt of 'overdraft account' number 11495031016, as for the sum of Lm23,106.23 as balance of debt of 'Loan Account' number 11495032012, as for the sum of Lm691.88 as balance of debt of 'Interest Disposal Current Account' number 20000122732 and as for the sum of Lm1,104.35 as balance of debt of 'Interest Disposal Current Account' number 20000122721.

Failing which further steps according to law will be taken.

With cost and further interest with effect from the 31st December 2003.

This judicial letter is being filed in terms of Chapter 12 and Chapter 16 of the Laws of Malta.

Registry of the Superior Courts, today 19th April 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

804

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għat-Talbiet Żgħar, tal-25 ta' Ottubru 2004, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-kuraturi.

REPUBBLIKA TA' MALTA

Lill-Marixxall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn dan it-Tribunal fuq talba ta' Maltacom p.l.c. ġie ordnat illi jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrapreżentaw lil assenti Mark Gauci Maistre fl-avviż tat-talba numru 1762/04AJD u fl-atti ġudizzjarji relattivi fejn l-imsemmija soċjetà esponiet:

Illi Mark Gauci Maistre għandu jiġi kkundannat sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf mija u sitta u sebgħin lira Maltija u tmienja u tmenin ċenteżmu (Lm1,176.88) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi rappreżentanti servizzi telefoniċi.

Attur: Maltacom p.l.c., Spencer Hill, Marsa.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Inferjuri, u sejjaħ lil kull min irid idaħħal bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll illi tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx hekk fi żmien mogħti, dan it-Tribunal jgħaddi biex tagħżel kuraturi ta' l-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil dan it-Tribunal.

Il-kawża fuq imsemmija tinsab differita għas-6 ta' Mejju 2005 fin-12.30 p.m.

Mogħti mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar, fuq xhieda ta' Dott. Audrey J Demicoli, LL.D., Ġudikatur tat-Tribunal hawn fuq imsemmija.

Illum 25 ta' Ottubru 2004.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 19 ta' April 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 25th October 2004, the publication of the following bann which appears hereunder was ordered for the purpose of service in terms of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Bann for Curators

REPUBLIC OF MALTA

To the Court Marshall

By a decree given by the Small Claims Tribunals on the application of Maltacom p.l.c. it was ordered the selection of Deputy Curators to represent Mark Gauci Maistre absent from these islands in the case Notice Number 1762/04AJD and in the relative judicial acts where the said commercial plaintiff pleaded:

That Mark Gauci Maistre of Gunther Klemenz has to be condemned to pay the commercial society the sum of one thousand one hundred and seventy six Maltese liri and eighty eight cents (Lm1,176.88) which amount is due to the plaintiff company representing telephone services.

Plaintiff: Maltacom p.l.c., Spencer Hill, Marsa.

Your are ordered to inform everyone that should no one come forward within the time stipulated the Tribunal will proceed in order to chose whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days, and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform every one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this court will proceed to the selection of curators of office.

After so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Tribunal.

The case (Claim Number 1762/04AJD) is put off on the 6th May 2005 at 12.30 p.m.

Given by the aforementioned Small Claims Tribunal with the witness of Dr Audrey J Demicoli, Doctor of Laws, Adjudicator of the above mentioned Tribunal.

Today 25th October 2004.

Registry of the Magistrates Court (Malta), today 19th April 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*